Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 4 ta' Frar 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużat:** | Dr. Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenza għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tender: Ġbir ta' Skart Imħallat
5. Financial Statements 2009 et
6. Is-Sehem tal-Kunsill fil-P. P. P.
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 33 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Camilleri.

## 2. RIFERENZA GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Victor Caruana staqsa liema biċċa art f'Ħal Farruġ li l-Kunsill qiegħed jitolb għad-devoluzzjoni tagħha biex tiġi konvertita f'*recreational area*? Is-Sindku wieġeb li d-devoluzzjoni qegħda tintalab għal dik l-għalqa li hemm ħdejn il-bandli.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-4 ta' Frar 2010, fosthom:

a) Ittra minn *Staff Development Organisation* dwar kors ta' taħriġ lil Kunsillieri fl-użu tas-servizz ta' *email* u *internet.*

b) Ittra mill-ADT li tinforma illi talbiet dwar tabelli u *traffic management* iridu jsiru mill-Kunsill u mhux mill-individwi.

c) Ittra mid-DGL dwar laqgħa tal-MEUSAC fuq opportunitajiet ta' fondi Ewropej. Il-laqgħa saret l-Erbgħa, 3 ta' Frar 2010 fiċ-Ċentru Ċiviku Naxxar u li għaliha attenda s-Sindku.

d) Ittra mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-somma allokata taħt l-Iskema Proġetti Speċjali 2009 biex jinbena mill-ġdid is-salib tal-ġebel fi Triq il-Gudja. L-ittra tinforma li l-allokazzjoni ta' €9,000 qed tiġi rtirata b'seħħ immedjat peress li ma nstabet ebda forma ta' soluzzjoni dwar il-kwistjoni tal-konfini mal-Gudja.

di) Is-Sindku qal li dan l-atteġġjament tal-DGL mhuwiex aċċettabbli. Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li tintbagħat ittra lid-Direttur Natalino Attard u jekk ma nirċevux tweġiba pożittiva ngħaddu l-każ f'idejn l-Avukat Pawlu Lia biex il-Kunsill jieħu l-passi neċessarji. Il-Kunsilll qabel mal-proposta tas-Sindku.

e) Dwar l-għadd ta' *Memos* li ntbagħtu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sindku qal li l-Kunsillieri kollha rċevew kopja tagħhom u għalhekk għandhom jittieħdu bħala moqrija, għalkemm kulħadd jista' jistaqsi jew jitkellem fuhom. Żied igħid li dawk il-*Memos* li jitkellmu fuq skemi ta' fondi għall-Kunsilli, il-Kunsill tagħna qiegħed jieħu nota tagħhom u japplika għalihom fejn ikun meħtieġ.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sal-4 ta' Frar 2010.

- Is-Sindku John Schembri qara ittra tas-Segretarju Eżekuttiv li kien qiegħed jirriżenja mill-impjieg tiegħu minħabba raġunijiet ta' eta'. L-aħħar jum uffiċjali ta' l-impjieg tiegħu huwa l-31 ta' Marzu 2010, imma minħabba l-ġranet ta' *leave* li għandu , l-aħħar jum tax-xogħol huwa s-26 ta' Frar 2010. Wara li l-Kunsill laqa' l-ittra ta' riżenja, is-Sindku qal li d-DGL diġa' ġie mgħarraf bl-avviż tat-tmiem ta' l-impjieg tas-Sur Borg u diġa beda l-proċess biex timtela l-vakanza li nħolqot. Is-Sindku ħa l-okkazjoni biex jirringrazzja lis-Sur Michael Borg tas-servizz twil li ta lill-Kunsill.

**4. TENDER : GBIR TA' SKART**

4.1 Id-diskussjoni fuq dan l-item infetħet billi s-Sindku ta' rendikont dwar ir-rapport li wasal għalih il-Bord ta' Aġġudikazzjoni Huwa qal li sar eżerċizju intensiv ħafna li jiġbor fih id-dettalji kollha mitlub mid-dokument vast tat-tender u li ġew dikjarati mill-offerenti stess. Għalhekk ir-rapport li kien qiegħed iressaq huwa bażat kollu kemm hu fuq id-dettalji, l-informazzjoni u d-dokumenti pprovduti mill-Kuntratturi stess.

4.2 Is-Sindku qal li l-offerti kienu maqsumin fi tnejn: dik finanzjarja u dik teknika. Għal dik finanzjarja kienu qegħdin jiġu allokati 40 punt filwaq li għal dik teknika kienu qegħdin jiġu allokati 60 punt. Dan dejjem skond kif titlob it-tender.

4.3 Fir-rigward ta' l-offerta finanzjarja, wara li saret evalazzjoni tar-rati mixħuta, il-punti ngħataw kif jidher fid-dokument immarkat "A" li kopja tiegħu tinsab mehmuża ma' dawn il-Minuti u li għandha titqies bħala li tagħmel parti mill-istess Minuti.

4.4 Fir-rigward ta' l-offerta teknika, il-punti lil kull kuntrattur ingħataw skond kif jidher fid-dokument immarkat "B" li l-kopja tiegħu tinsab mehmuża ma' dawn il-Minuti u li għandha titqies bħala li tagħmel parti mill-istess Minuti.

4.5 Minn dawn il-punti jirriżulta li l-kuntratturi spiċċaw f'din fl-ordni kif jidher f'Dokument immarkat "A".

4.6 Wara dan it-tagħrif is-Sindku kkonkluda li l-Bord ta' Aġġudikazzjoni kien qiegħed jirrakkomanda li t-Tender għall-Ġbir ta' Skart Domestiku tingħata lil Northern Cleaning Group Ltd.

4.7 Wara li ġew miflija l-figuri u t-tagħrif mogħti mir-rapport tal-Bord, il-Kunsill **unanimament** qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord biex it-Tender tingħata lil Northern Cleaning Group Ltd.

- **TENDERS:**

a. INSTALLAZZJONI TA' LIFT: Is-Sindku qal li din it-tender għalqet nhar il-Gimgħa, 29 ta' Jannar 2010 u għaliha kienu ntefgħu erba' (4) offerti. Żied jgħid li apparti d-differenza fil-prezz din it-tender trid tiġi mgħoddija lill-Perit Mariello Spiteri minħabba l-ħafna teknikalitajiet li fiha.

b. XOGĦOL TA’ ALTERAZZJONIJIET U KOSTRUZZJONI FID-DAY CENTRE: Is-Sindku qal li din it-tender, li għalqet ukoll nhar il-Ġimgħa, 29 ta’ Jannar 2010, għaliha ntefgħu erba’ (4) offerti. L-għażla ta’ din it-tender iħoss li m’għandhiex tkun diffiċli peress li d-differenza fil-prezzijiet offruti hija evidenti ħafna. Huwa qal li l-offerta ta’ C & F Building Contractors Ltd. hija bil-bosta waħda vantaġġjuża u għandha tiġi kkonsidrata bis-serjeta’.

b.1 Wara li l-Kunsill unanimament esprima qbil mal-proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li l-Kuntrattur C & F Building Contractors Ltd. għandu jiġi kkuntattjat biex miegħu tiġi diskussa l-offerta qabel ma’ l-Kunsill jieħu deċiżjoni finali.

## 5. FINANCIAL STATEMENTS 2009 ET

5.1 Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements għall-perijodu ta’ April/Diċembru 2009. Approva wkoll l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2010, kif ukoll il-Pjan ta’ Ħidma għat-tliet snin 2010-2012.

## 6. IS-SEHEM TAL-KUNSILL FIL-P. P .P

6.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill bil-pjan tal-Gvern Ċentrali li jagħti cans lill-Kunsilli jagħtu toroq aħjar lir-residenti tagħhom. Dan se jkun jista’ jsir billi tiġi ntrodotta fil-pajjiż il-*Public Private Partnership (P.P.P.).* Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa esprima l-intenzjoni tiegħu favur din l-inizjattiva, tant li ktibna lill-Gvern dwarha u tajnieh lista sħiħa ta’ toroq li jistgħu jibbenefika minn din il-*partnership.*

## 7. MOZZJONIJIET

7.1 Il-Kunsill approva mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joseph Scicluna li tgħid: **“li l-Kunsill japprova l-għoti tal-*Performance Bonus* lill-Impjegati tal-Kunsill.”**

## 8. ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-4 ta’ Frar 2010 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.2 F’dan l-istadju l-Viċi Sindku Joseph Scicluna qal li ta’ kull filgħodu qiegħed iħossu imbarazzat li kull darba jitlob lil wieħed mill-ħaddiema biex fil-vann tiegħu iġorr ġebel u kull materjal ieħor.

Żied igħid li għalhekk kien qiegħed jipproponi biex il-Kunsill jikkonsidra l-possibilita’ li jinxtara vann, anke second-hand, li jkun tal-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament qabel ma’ din il-proposta u għandu jara li jinġabru kwotazzjonijiet għal dan il-għan.

- Sadatant is-Sur Victor Caruana staqsa għaliex ix-xogħol programmat għal Triq Sant'Andrija u l-Pjazza għadu ma sarx. Is-Sindku wieġeb li dan ġara minħabba kwistjoni ta' permessi u peress li l-W.S.C. sabet li hemm xi mejn li jrid jinbidel.

- Is-Sur Joseph Piscopo ġibed l-attenzjoni li l-culvert fi Triq Ganni Vassallo għadu miżdud u li għal darb'oħra kien qed jiġbed l-attenzjni biex forsi jitranġa. Is-Sindku wieġeb li dwar dan il-culvert kien se jara hu (is-Sindku).

- Is-Sur Joseph Camilleri staqsa jekk hux se jsir it-trasferiment ta' l-Ispizerija lejn id-Day Centre u jekk iva, dan meta se jsir. Is-Sindku wieġeb li hemm qbil li t-trasferiment se jsir u li dan isir wara li jitlesta x-xogħol tal-bini fis-Sala ta' fuq flimkien ma' l-installazzjoni tal-lift fid-Day Centre.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, is-Sindku fis-7.20 p.m. iddikjara l-laqgħa bħala magħluqa, filwaqt li ġiet ifissata d-data tat-Tlieta, 23 ta' Frar 2010 għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

- Konfermati llum 23 ta' Frar 2010.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv